

III

(Atti preparatorji)

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-7 ta' Marzu 2018

dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra tal-Viċi-President tal-Bank Ċentrali Ewropew

(CON/2018/14)

(2018/C 93/02)

Introduzzjoni u bażi legali

Fit-23 ta' Frar 2018 il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2018 ⁽¹⁾ dwar il-ħatra tal-Viċi-President tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-kompetenza tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Osservazzjonijiet Ġenerali

1. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li se tiġi ppreżentata lill-Kunsill Ewropew u li dwarha qed jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Governattiv tal-BĊE, tirrakkomanda illi Luis DE GUINDOS JURADO jinħatar bħala l-Viċi-President tal-BĊE għal mandat ta' tmien snin b'effett mill-1 ta' Ġunju 2018.
2. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa tal-fehma illi l-kandidat propost huwa persuna ta' pożizzjoni rikonoxxuta u li għandu esperjenza professjonali f'affarijiet monetarji u bankarji kif mitlub mill-Artikolu 283(2) tat-Trattat.
3. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE m'għandu ebda oġġezzjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jaħtar lil Luis DE GUINDOS JURADO bħala l-Viċi-President tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-7 ta' Marzu 2018.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

⁽¹⁾ ĠU C 67, 22.2.2018, p. 1.